Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAL-ERBGHA U HAMSIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 2 ta' Frar 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.15pm | Sa | 7.30pm |

**KULHADD KIEN PREZENTI U FIL-HIN HLIEF LI:**
**IS-SUR NORBERT PACE KIEN SKUZAT.**
**ID-DOTT LUISA GAUCI BALUCI WASLET TARD.**
**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE (Skuzat) |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | | LUISA GAUCI BALUCI (Waslet tard) |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Vici-Sindku. Id-Dott. Luisa Gauci Baluci mal-bidu tas-seduta kienet ghadha ma waslitx.**

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
Gew approvati l-Minuti tal-laqgha Nru: 53(29.12.10). Ma saret l-ebda korrezzjoni. Is-Sur John Bonnici talab spjegazzoni ghala tnizzel il-hin fi x'hin gie u telaq u li darb'ohra xtaq ikun infurmat meta jkun hemm tibdil fis-setting tal-minuti. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dan sar fuq struzzjonijiet mghoddija mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghax hekk suppost isir.

2. **KORRISPONDENZA**
🗁 Ittra minghand il-MEPA rigward applikazzjoni PA4167/01. Is-Sur Cordina qal li ghandha tintbaghat ittra l-MEPA fejn nilmentaw li ahna ma gejniex ikkonsultati fi zmien konvenjenti biex wiehed jattendi s-seduta, jekk ittiehdux xi decizjonijiet u jekk dawn kienux drastici .

Il-laqgha giet sospiza fis-6.26pm mis–Sur Cordina sabiex jitkellem is-Sur Clark. Is-Sur Clark saqsa f'hiex waslet it-triq. Is-Sur Cordina qal li qed jissupponi li sal-gimgha d-diehla jkollu risposta bil-pjanta u l-livelli godda. Is-Sur Clark halla s-Sala.

Id-Dott. Luisa Gauci Baluci dahlet fis-6.28pm u nghaqdet fid-diskussjoni. Is-Sur Cordina rega' rrikapitula dak li ntqal fuq il-permess fuq imsemmi PA4167/01. Id-Dott Luisa Gauci Baluci qalet li jekk jista' jkun jigu evitati kawzi civili ghax diga' hemm kaz il-Qorti rigwardanti il-containers ghall-hazna tal-frott u l-imsemija warehouses ghax is-Sur Tonio Zammit Cordina fetah kawza personali lill-Fruitland.

🗁 E-mail minghand is-Sur Pierre Scerri rigward problema assoccjati mal-Ambaxxata Amerikana. Is-Sur Cassar lissuggerixxa li nkellmu l-Ambaxxata dirett. Is-Sur Cordina qal li ga tkellem mal-Amministratur tal-Ambaxxata fuq permessi u trakkijiet u maghhom wasal.
🗁 Ittra minghand Professor Darmanin rigward tnehhija ta' *sleeping policmen*. Is-Sur Cordina qal li jekk hi inqas minn 10 metri issir bhall-ohra bl-ispeed moderators. Din ghadha titnehha.

🗁 Write-up rigward Mons. Pawl Pace sabiex jissemma Gnien il-Palma ghal dan il-monsijur. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.
🗁 Ittra minghand il-Ministeru tal-Finanzi rigward devoluzzjoni ta' art hdejn Monte Carmeli. Il-Kunsill iddecieda li tinkiteb ittra lid-Dipartiment u kif ukoll lill-Tonio Fenech
🗁 Ittra minghand TM rigward jekk il-Kunsill ghandux xi pjanti fuq proposti ta' roundabouts, centre strip, tarmak u bankini ta' Triq Victor Vassallo. Il-Kunsill se jitlob kopja ta' dawn il-pjanti.
🗁 E-mail Louis Gattsid il-Beldian rigward talba sabiex issir zebra crossing ohra. Is-Sur Cordina qal li saret talba sabiex issir zebra ohra imma qatt ma giet approvata. Ghalhekk gie deciz li ma tergax issir talba ohra.
🗁 E-mail minghand residenti f'Dahlet ic-Cipress. Is-Sur Cordina qal li l-ahjar niktbulhom u li jekk hu possibli li jsiru, jsiru skond is-sengha. Qal ukoll li jizdiedu tabelli 'park within the lines'
🗁 Ittra minghand Chris Grech. Is-Sur Bonnici qal li jekk innehhuhom ha jkun hemm periklu ghall-uliedu stess. Id-Dott. qablet ukoll ghax hekk goc-Centru jisslowja t-traffiku. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li jekk dawn jitnehhew ha ssir hsara t-tarmak. Is-Sur Cordina qal li ghandna niktbulu li jekk dawn jitnehhew ha jkun hemm problema ta' safety u li xorta ha ssir ohra tat-tarmak u li xorta ha jkun hemm xi forma ta' storbju.
🗁 E-mail minghand is-Sur Cassar sabiex tigi rijabilitata l-bankina quddiem il-G&G Supermarket. Ghandha tintbaghat ittra lit-TM.

3. **TENDER BINI T'UFFICCINI GODDA**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li lestiet it-talba ghad-devoluzzjoni ta' l-art u qed titlob l-approvazzjoni sabiex din tintbghat. Gie suggerit li tintbghat ittra lill-Onor. Chris Said fejn jinghad li mahniex accessibbli u naraw jekk jistax jghina d-Dipartiment. Is-Sur Cassar qal li ghandna napplikaw ghad-devoluzzjoni tal-art u l-loan. Dan jista' jigi diskuss mad-Direttur il-gdid waqt il-laqgha ta' kortesija li se ssir fil-bidu ta' Marzu. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ha tkompli tirranga ftit l-ufficcju fuq parir tas-Sur Cordina sabiex sakemm inkun ghadna hawn dan jidher pulit u prezentabbli.

4. ***APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET***

Il-Kunsill approva l-hlasijiet ghax-xahar ta' Dicembru 2010 u Jannar 2010.

5. **FESTA NATURA**

Is-Sur Cordina qal li hu u s-Segretarju Ezekuttiv iltaqghu Hal Balzan fuq Festa Natura. Din l-attivita' ha tigi kongunta ma' dik ta' Hal Balzan u qed isiru diskussjonijiet sabiex jinstab post komuni fejn tinzamm. Issemmiet l-ispiza tal-Co-ordinatur €700.00 imma l-Kunsill ha jara kif din tista' tigi evitata. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ha taggorna l-Kunsill b'dak li jkun gara. Is-Segretarju Ezekuttiv proponiet ukoll li jsir Festival tac-Ceramika f'Settembru li ha jkun l-ewwel wiehed tax-xorta tieghu. Hi qalet li jekk il-Kunsill jaqbel tivvota €10,000 ghal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

6. **TRIQ IL-GIBBA**

Id-Dott. Gauci Baluci qalet li l-imghallem taghha qala ticket quddiem id-dar tieghu stess. Hi kompliet billi qalet li veru m'hemmx bankini imma ghall-parking dejjem irrangaw ir-residneti bejniethom. Hi ssuggerit li tinkiteb ittra lit-Transport Malta. Is-Sur Bonnici qal li din li hi no entry both ways ma jistax ikun u din zgur mill-Kunsill harget li ssir hekk. Hu saqsa ghaliex din hi l-unika triq li hi no entry both ways. Is-Sur Cassar qal li ssir one-way min-naha wahda biss minn Triq il-Pitkali. Is-Sur Cordina qal li jifhem li din hi triq dejqa u wiehed ghandu jipprova jara jekk jistax isir kif qal Is-Sur Carabott Id-Dott. Gauci Baluci qalet li ha jinholoq precedent. Qalet ukoll li hi tiftakarha one-way minn side wiehed biss. Gie decisa li tintbaghat ittra lill-TM.

7. **DATA TENDERS AGGUDIKAZZJONI**

Giet deciza din id-data l-Erbgha, 16 ta' Frar 2010 fis-6pm sabiex jiltaqa' l-bord.

8. **SHORTLISTING APPLIKANTI POST TA' WORKS CO-ORDINATOR ETC**

**PART 1**

Ix-shortlisting ha jsir nhar il-Gimgha, 4 ta' Frar f'nofsinhar.

**9. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Qal li fejn jidhlu haddiema tal-Kunsill u fejn jidhlu health and safety dawn ghandhom ikollhom it-taghmir kollu necessarju. Kulhadd qabel.
- Issuggerixxa li hdejn l-M4 isir it-taghmir sabiex jigu *upgraded iz-zebra* bil-*floodlights* f'din it-triq.
- Issuggerixxa li fi Triq il-Pitkali isiru *Pelican Lights.*
- Talab sabiex jigi nfurmat il-kuntrattur fi Triq Tumas Dingli sabiex il-crane operator ma jdawwarx il-balla quddiem ir-residenzi.
- Qal li Triq ir-Ruzell giet approvata bi prova one-way bil-kontra.
- Issuggerixxa li tintbaghat ittra lir-residenti kollha rigward il-klieb. Ghandu kopja ta' ittra li bghatu l-Kunsill tar-Rabat u ha jibghatuha lir-residenti. Is-Sur Zammit issuggerixxa li tintbghat ittra lir-residenti li mhux ha jingabar skart nhar ta' Hamis.
- Issuggerixxa li ssir Bye-law rigward gbir ta' skart kummercjali. Id-Dott Gauci Baluci qalet li r-residenti raw lil *barman* jitfa' z-zibel wara c-cint fi Gnien Hal-Warda. Kulhadd qabel.

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Tittiehed azzjoni rigward ir-riha ta' drenagg fi Triq l-Imdina li gej mill-imtarfa u ta' Qali.
- Regghu laqtu karrozza fil-kurva ta' wara l-Pjazza. Is-Sur Cordina qal li hu personali ma jsibx diffikulta' imma b'Mercedes C class jghaddi tajjeb u sewwa. Is-Sur Cordina ha jara x'jista jsir basta tkun l-inqas possibbli.
- Issuggerixxa li d-DVD ta' Lejl ghat-Tard jinbiegh €10 'l wiehed. Hu qal li €10 hu ragonevoli ghax-xoghol li fih. Kulhadd qabel.
- Triq is-Salvatur issir bit-tarmak u *parking bays*. Niktbu l-Joint Office u jekk ituna permess isiru l-konok u parking bays.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Li xi hadd ivvandalizza s-sigra quddiem il-G & G. Is-Sur Cordina qal li ha jittekilja l-problema mal-perit. Il-Kunsill ha jerga' jizra sigra ohra.
- Li Joe Gauci hawwel xi sigar Pierre Muscat u konka vojta ohra.
- Fakkar fil-bankina ta' Triq l-Istwiel u l-kwotazzjonijiet
- Nsaqqsu l-Dieter Falzon sarx il-hlas tal-applikazzjoni tal-barriera ta' Venven.
- Li Wied is-sewda hemm lok fejn jistghu jithawwlu iktar sigar. Wied Irmiedi fejn hemm it-trab u t-terrapin hemm bicca li tista' tinzera.
- Tal-Gvern qed iqattctu l-bewla li titla' mal-luq.
- Saqsa fuq il-Perit Edward Said u jekk sarx kuntatt mieghu.

Is-Sur Alfred Zammit:

- Talab biex hdejn it-telefon box u bus stop fi Triq il-Linja isir bank. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hemm bank l-istore u jista' jitwahhal. Kulhadd qabel..

**10. AGGORNAMENT**

Ghalhekk il-laqgħa giet aggornata fit-7.30pm ghat-16 ta' Frar 2011.

____________________ Sindku

____________________ Data